MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1152/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Annalise Micallef (K.I. 259090M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ hames mija, disgha u hamsin ewro w sebgha u sebghin centezmu (€559.77) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (dokumenti ta’ rendikont annessi mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimat.

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata izda dehret ghas-seduta tat- 8 ta' Ottubru, 2010 fejn ammettiet illi l-ammont huwa dovut minnha izda xtaqet illi thallas l-ammont dovut ratejalment.

It-Tribunal fic-cirkostanzi, jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-Ligi kif mitluba fil-waqt illi jigbed l-attenzjoni ghas-socjeta' attrici li tiehu in konsiderazzjoni pagament ratejali min-naha tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------